PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8935 — Goldman Sachs/Antin Infrastructure Partners/CityFibre Infrastructure Holdings)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 174/10)

1. Fil-15 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Goldman Sachs Group Inc. ("Goldman Sachs", l-Istati Uniti),

— Antin Infrastructure Partners ("AIP", Franza),

— CityFibre Infrastructure Holdings ("CityFibre", ir-Renju Unit).

Fondi ġestiti minn Goldman Sachs u fondi ġestiti minn AIP jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' CityFibre.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' sejħa għall-offerti.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Goldman Sachs: ditta dinjija ta' investiment bankarju, garanziji u ġestjoni ta' investiment li tipprovdi firxa ta' servizzi bankarji, ta' garanziji u ta' investiment,

— AIP: ditta ta' ekwità privata ffokata fuq l-investimenti fl-infrastruttura, b'mod speċifiku fl-enerġija u l-ambjent, it-telekomunikazzjoni, it-trasport, u setturi tal-infrastruttura soċjali,

— CityFibre: operatur bl-ingrossa ta' networks tal-fibra ottika fl-irħula u l-ibliet fir-Renju Unit barra minn Londra. City-Fibre hija kkwotata fl-AIM, is-suq internazzjonali tal-London Stock Exchange għall-kumpaniji iżgħar li jfittxu aċċess għal kapital għat-tkabbir.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8935 — Goldman Sachs/Antin Infrastructure Partners/CityFibre Infrastructure Holdings

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË